



Il-Qorti Ġenerali tiċċad ir-rikors ippreżentat minn M. Kočner kontra Europol fil-kuntest tal-investigazzjoni dwar il-qtil tal-ġurnalista J. Kuciak u tal-għarusa tiegħu M. Kušnírová

M. Kočner ma stabbilixxiex li l-iżvelar tad-data tiegħu ta' natura personali mill-istampa Slovakka u fuq l-internet kif ukoll l-allegata inklużjoni ta' ismu fuq il-"listi tal-mafjużi" huma imputabbli lil Europol

Wara l-qtil ta' ġurnalista Slovakka J. Kuciak u tal-għarusa tiegħu M. Kušnírová fis-Slovakkja fil-21 ta' Frar 2018, l-awtoritajiet Slovakki mexxew investigazzjoni wiesgħa. Fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni u fuq talba tal-awtoritajiet Slovakki, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) kisbet data maħżuna fuq żewġ telefoni ċellulari li kienu jappartjenu lil M. Kočner u fuq memorja USB.

Fit-13 ta' Jannar 2019, Europol ikkomunikat rapport lill-awtoritajiet Slovakki dwar l-operazzjonijiet imwettqa fuq il-memorja USB. Fil-21 ta' Ġunju 2019, Europol ikkomunikat lill-awtoritajiet Slovakki r-rapporti xjentifiċi definittivi relatati mal-operazzjonijiet imwettqa fuq it-telefoni ċellulari inkwistjoni.

Wara li matul ix-xahar ta' Mejju 2019 deher volum kbir ta' informazzjoni fl-istampa Slovakka u fuq l-internet, b'mod partikolari traskrizzjonijiet ta' konverżazzjonijiet privati li kienu jirriżultaw mit-telefoni ċellulari inkwistjoni, M. Kočner ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fir-rikors tiegħu, huwa talab minn Europol kumpens ta' EUR 100 000 għad-danni morali li ġarrab, b'mod partikolari minħabba li ġew ippreġudikati l-unur tiegħu, ir-reputazzjoni professjonali tiegħu kif ukoll id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja tiegħu għar-raġuni li Europol kienet marret kontra l-obbligi tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Minn naħa, M. Kočner iddikjara li Europol żvelat lill-pubbliku l-informazzjoni inkwistjoni saħansitra qabel ma r-rapporti xjentifiċi msemija iktar 'il fuq ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet Slovakki. Min-naħa l-oħra, huwa jsostni li, fir-rapport tat-13 ta' Jannar 2019 imsemmi iktar 'il fuq, Europol kienet inkludiet ismu fil-"listi tal-mafjużi".

Permezz tas-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti Ġenerali tfakkar, qabel kollox, li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni għad-dannu allegatament ikkawżat mill-aġenziji tagħha, bħal Europol, huwa suġġett għal **tliet kundizzjonijiet kumulattivi** li għandhom jiġu ssodisfatti, jiġifieri l-illegalità tal-aġir li bih qed tiġi akkużata l-aġenzija, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan l-aġir u d-dannu invokat.

Sussegwentement, fir-rigward tal-allegat żvelar, minn Europol, tat-traskrizzjonijiet ta' konverżazzjonijiet privati miksuba miż-żewġ telefoni ċellulari msemija iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-provi prodotti minn Europol jinvalidaw l-allegazzjoni ta' M. Kočner li, meta ġew ippubblikati mill-istampa Slovakka, Europol biss kienet meqjusa li tinsab fil-pussess ta' dawn it-traskrizzjonijiet. Fil-fatt, minn minuti tat-23 ta' Ottubru 2018 jirriżulta li, f'din id-data, uffiċjal tal-Europol għadda hard drive lill-awtoritajiet Slovakki li kien jinkludi riżultati preliminari fil-forma ta' kisbiet u estrazzjonijiet ta' data mit-telefoni ċellulari inkwistjoni. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, fit-23 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Slovakki wkoll kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-data kontenzjuża u li, minn dan l-istess jum, Europol ma kinitx iżjed l-unika entità li kellha din id-data għad-dispożizzjoni tagħha.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li Europol qatt ma kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-komunikazzjonijiet kontenzjużi taħt forma ddekriptata u komprensibbli inkwantu hija pproċediet biss

għall-kisba u l-estrazzjoni ta' data kkriptata li kienet tinsab fit-telefoni ċellulari inkwistjoni. Fil-fatt, huma l-awtoritajiet Slovakki li, wara li rċewew id-data kkriptata, iddekriptawha u għamluha tinftehem.

Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova, **l-iżvelar tat-traskrizzjonijiet inkwistjoni ma jistax jitqies li huwa imputabbli lil Europol**, fejn għalhekk ma tistax tiġi konkluża l-eżistenza ta' rabta kawżali stabbilita b'mod suffiċjenti bejn id-dannu allegat u xi tip ta' aġir eventwali ta' din l-aġenzija.

Fl-aħħar, fir-rigward tad-dannu li M. Kočner iqis li ġarrab minħabba l-inklużjoni minn Europol ta' ismu fil-"listi tal-mafjużi", il-Qorti Ġenerali tikkonstata li M. Kočner ma pproduċa ebda prova biex jistabbilixxi li dawn il-listi ġew elaborati u kienu miżmuma minn Europol. Bl-istess mod, M. Kočner ma pproduċa ebda prova ta' natura li turi li l-informazzjoni ppubblikata mill-istampa Slovakka fuq l-inklużjoni allegata ta' ismu fil-"listi tal-mafjużi" joriġinaw mir-rapport tat-13 ta' Jannar 2019 iċċitat iktar 'il fuq.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, anki qabel il-qtil ta' J. Kuciak u ta' M. Kušnírová, l-istampa Slovakka kienet xi kultant tippreżenta lil M. Kočner bħala "mafjuż" u mhux biss, kif sostna, bħala "imprenditur kontroversjali", liema fatt jeskludi li dan jista' jsib l-oriġini tiegħu mir-rapport tat-13 ta' Jannar 2019 imsemmi iktar 'il fuq.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali tqis li **d-dannu li allegatament jirriżulta mid-deskrizzjonijiet użati mill-istampa Slovakka meta ssemmi lil M. Kočner ma huwiex imputabbli lil Europol**.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali **tiċċad ir-rikors ta' M. Kočner fl-intier tiegħu**.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' liġi, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż biex jiġu annullati atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106